DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/971

tat-23 ta' Mejju 2025

dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri li jikkonċernaw in-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2022 għas-sena finanzjarja 2024

(notifikata bid-dokument C(2025) 3160)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 104 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 51 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) L-Artikolu 104(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/2116 jipprevedi li l-Artikolu 4(1), il-punt (b), l-Artikolu 5, l-Artikolu 7(3), l-Artikoli 9, 17, 21 u 34, l-Artikolu 35(4), l-Artikoli 36, 37, 38, 40 sa 43, 51, 52, 54, 56, 59, 63, 64, 67, 68, 70 sa 75, 77, 91 sa 97, 99 u 100, l-Artikolu 102(2) u l-Artikoli 110 u 111 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jibqgħu japplikaw, fir-rigward tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), b'rabta man-nefqa mġarrba mill-benefiċjarji u l-pagamenti li saru mill-aġenzija tal-pagamenti fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) għas-sena finanzjarja 2024.

(2) L-Artikolu 64, it-tieni paragrafu, il-punt (a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/128 ([4]) jipprevedi li l-Artikolu 2, l-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 3(2), l-Artikolu 4(1), il-punt (b), l-Artikolu 5, l-Artikolu 6, l-Artikolu 7, l-Artikoli 21 sa 25, l-Artikolu 27, l-Artikolu 28, l-Artikolu 29, l-Artikolu 30(1), il-punti (a), (b) u (c), l-Artikolu 30(2), (3) u (4), u l-Artikoli 31 sa 40 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 ([5]) jibqgħu japplikaw, fir-rigward tal-FAEŻR, b'rabta man-nefqa mġarrba mill-benefiċjarji u l-pagamenti li saru mill-aġenzija tal-pagamenti fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 għas-sena finanzjarja 2024.

([1]) ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1306/oj.
([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1305/oj).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/128 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-verifiki, il-garanziji u t-trasparenza (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 131, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/128/oj).
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 59, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2014/908/oj).

(3) L-Artikolu 64, it-tieni paragrafu, il-punt (c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/128 jipprevedi li l-Annessi II u III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014 jibqgħu japplikaw għall-finijiet tal-Artikolu 32, il-punti (f) u (g), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/128 għas-sena finanzjarja 2024.

(4) L-Artikolu 40, it-tieni paragrafu, il-punt (a), tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 ([6]) jipprevedi li l-Artikolu 5, l-Artikolu 5a, l-Artikolu 7(3) u (4), l-Artikolu 10, l-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 11(2), l-Artikolu 12, l-Artikolu 13 u l-Artikolu 41(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ([7]) jibqgħu japplikaw, fir-rigward tal-FAEŻR, b'rabta man-nefqa mġarrba mill-benefiċjarji u l-pagamenti li saru mill-aġenzija tal-pagamenti fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 għas-sena finanzjarja 2024.

(5) Skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u abbażi tal-kontijiet annwali sottomessi mill-Istati Membri, li magħhom intbagħtet l-informazzjoni meħtieġa għall-approvazzjoni tal-kontijiet u opinjoni tal-awditjar dwar il-kompletezza, l-akkuratezza u l-veraċità tal-kontijiet u tar-rapporti stabbiliti mill-korpi ta' ċertifikazzjoni, il-Kummissjoni trid tapprova l-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament qabel il-31 ta' Mejju tas-sena li tiġi wara s-sena baġitarja konċernata.

(6) F'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2021/2116, is-sena finanzjarja agrikola tibda fis-16 ta' Ottubru tas-sena N-1 u tispiċċa fil-15 ta' Ottubru tas-sena N. Meta jiġu approvati l-kontijiet għas-sena finanzjarja 2024, bl-iskop li l-perjodu ta' referenza għan-nefqa tal-FAEŻR jiġi allinjat ma' dak tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), jenħtieġ li titqies in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri bejn is-16 ta' Ottubru 2023 u l-15 ta' Ottubru 2024, f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/128.

(7) L-Artikolu 33(2), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014 jipprevedi li l-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati mingħand kull Stat Membru jew li jkunu pagabbli lilu, f'konformità mad-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, għandhom jiġu stabbiliti billi l-pagamenti intermedji għas-sena finanzjarja konċernata jitnaqqsu min-nefqa rikonoxxuta għal dik is-sena f'konformità ma' dak l-Artikolu 33(1). L-Artikolu 33(2), it-tielet subparagrafu, ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tnaqqas dak l-ammont mill-pagament intermedju li jmiss jew iżżidu miegħu.

(8) Il-Kummissjoni ċċekkjat l-informazzjoni li ssottomettew l-Istati Membri u kkomunikat ir-riżultati tal-iċċekkjar tagħha lill-Istati Membri, flimkien mal-emendi li qed tipproponi.

(9) Għall-aġenziji tal-pagamenti kollha, il-kontijiet annwali u d-dokumenti mehmuża magħhom jippermettu li l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni dwar il-kompletezza, l-akkuratezza u l-veraċità tal-kontijiet annwali sottomessi.

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/127/oj).

([7]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2014/907/oj).

(10) F'konformità mal-Artikolu 83 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), l-iskadenza għall-pagamenti interim imsemmija fl-Artikolu 36(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tista' tiġi interrotta għal perjodu massimu ta' sitt xhur sabiex ikunu jistgħu jitwettqu verifiki addizzjonali jekk tkun ingħatat informazzjoni li dawn il-pagamenti jkunu marbuta ma' irregolarità b'konsegwenzi finanzjarji serji. Fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra l-ammonti affettwati minn tali interruzzjoni biex tevita li jsiru xi pagamenti mhux xierqa jew mhux f'waqthom.

(11) Skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-Kummissjoni diġà naqqset jew issospendiet għadd ta' pagamenti interim għas-sena finanzjarja 2024 minħabba nefqa li ma saritx f'konformità mar-regoli tal-Unjoni. F'din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra tali ammonti mnaqqsa jew sospiżi abbażi tal-Artikolu 41 ta' dak ir-Regolament, biex tevita li jsiru xi pagamenti jew rimborżi mhux dovuti jew mhux f'waqthom li iktar tard jistgħu jkunu soġġetti għal korrezzjoni finanzjarja.

(12) L-Artikolu 36(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jipprevedi li l-pagamenti interim iridu jsiru mingħajr qbiż tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR programmata. Skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014, meta t-total ikkombinat tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa jaqbeż it-total tal-kontribuzzjoni pprogrammata għal programm tal-iżvilupp rurali, l-ammont li jrid jitħallas għandu jiġi limitat għall-ammont programmat, mingħajr preġudizzjoni għal-limitu massimu previst fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. L-ammont limitat ikun soġġett għal rimborż aktar tard mill-Kummissjoni wara l-adozzjoni tal-pjan finanzjarju emendat, sa mhux iktar tard mill-għeluq tal-programmazzjoni.

(13) F'konformità mal-Artikolu 39c(4) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, l-appoġġ għal għajnuna temporanja eċċezzjonali lill-bdiewa u lill-SMEs partikolarment affettwati mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja għandu jitħallas sal-15 ta' Ottubru 2023. Il-pagamenti li jsiru wara din l-iskadenza jitqiesu ineliġibbli u jenħtieġ li jiġu riflessi kif xieraq f'din id-Deċiżjoni.

(14) L-Artikolu 41(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jistabbilixxi sollijiet għall-pagamenti relatati mal-istrumenti finanzjarji, dment li kull talba għal pagament interim matul il-perjodu ta' eliġibbiltà ma taqbiżx 25 % tal-kontribuzzjonijiet totali tal-programm impenjati għall-istrument finanzjarju skont il-ftehim ta' finanzjament. Kwalunkwe nefqa li taqbeż dawn is-sollijiet titqies ineliġibbli għar-rimborż.

(15) F'konformità mal-Artikolu 75(1), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, ir-regoli dwar l-iskadenzi tal-pagamenti għall-miżuri taħt l-iżvilupp rurali fil-kuntest tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, japplikaw mis-sena tat-talba 2019. It-tnaqqisiet għan-nuqqas ta' konformità mal-aħħar skadenzi għall-pagamenti, ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 5a tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014, isegwu l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 40 u 41 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u jridu jitqiesu f'din id-Deċiżjoni għas-sena finanzjarja 2024. Meta jkun xieraq, dawk it-tnaqqisiet jistgħu jiġu eżaminati taħt il-proċeduri għall-approvazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

(16) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkopri wkoll ir-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 58a tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

(17) Skont l-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-ammont totali ta' prefinanzjament u pagamenti interim ma jridx jaqbeż 95 % tal-kontribuzzjoni mill-FAEŻR għal kull programm tal-iżvilupp rurali. Il-programmi li ġejjin laħqu s-sollijiet tagħhom: 2014AT06RDNP001, 2014CZ06RDNP001, 2014DE06RDRP003, 2014DE06RDRP004, 2014FI06RDRP001, 2014FR06RDNP001, 2014FR06RDRP074, 2014FR06RDRP082,2014FR06RDRP083, 2014HU06RDNP001, 2014IE06RDNP001, 2014LU06RDNP001, 2014PT06RDRP002. Il-bilanċ pendenti ta' dawk il-programmi se jiġi saldat mal-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni.

([8]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1303/oj).

(18) Skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-Istat Membru kkonċernat għandu jħallas 50 % mill-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas ta' rkupru tal-irregolaritajiet jekk l-irkupru ma jkunx sar fi żmien 4 snin mid-data tat-talba għall-irkupru jew fi żmien 8 snin f'każ li l-irkupru jitressaq fil-qrati nazzjonali. L-Artikolu 54(4) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jistipula li flimkien mal-kontijiet annwali li għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014, l-Istati Membri għandhom jehmżu tabella ċertifikata li tirrifletti l-ammonti li għandhom jitħallsu minnhom skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Ir-regoli dwar l-applikazzjoni tal-obbligu tal-Istati Membri li jirrapportaw l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati huma stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014. L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014 jistabbilixxi l-mudell tat-tabella li l-Istati Membri jridu jużaw biex jipprovdu l-informazzjoni dwar l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddeċiedi dwar il-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas ta' rkupru tal-irregolaritajiet li jmorru lura għal iżjed minn 4 snin jew għal iżjed minn 8 snin, rispettivament, abbażi tat-tabelli li l-Istati Membri jkunu mlew.

(19) Skont l-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għal raġunijiet ġustifikati kif xieraq, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jsegwux l-irkupru. Din id-deċiżjoni tista' tittieħed biss jekk il-kostijiet li jkunu ġġarrbu diġà, u dawk li x'aktarx ikunu se jiġġarrbu, b'kollox ikunu aktar mill-ammont li jrid jiġi rkuprat, jew jekk l-irkupru jkun impossibbli minħabba l-insolvenza, reġistrata u rikonoxxuta skont id-dritt nazzjonali, tad-debitur jew tal-persuni legalment responsabbli mill-irregolarità. Jekk id-deċiżjoni tittieħed fi żmien 4 snin mid-data tat-talba għall-irkupru, jew fi żmien 8 snin f'każ li l-irkupru jinkiseb fil-qrati nazzjonali, jenħtieġ li 100 % tal-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas ta' rkupru jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni. L-ammonti li dwarhom Stat Membru partikolari jkun iddeċieda li ma jiħux passi għall-irkupru u r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni għandhom jiġu inklużi fir-rapport ta' sinteżi msemmi fl-Artikolu 54(4) ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li dawn l-ammonti ma jiġġarrbux mill-Istati Membri kkonċernati iżda jiġġarrbu mill-baġit tal-Unjoni.

(20) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tqis ukoll l-ammonti li għad iridu jiġġarrbu mill-Istati Membri minħabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 b'rabta mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 tal-FAEŻR.

(21) B'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet li l-Kummissjoni jista' jkun tieħu sussegwentement biex teskludi xi nefqa mill-finanzjament tal-Unjoni li ma tkunx saret skont ir-regoli tal-Unjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri, fir-rigward tan-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), filwaqt li jitqiesu wkoll ir-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 58a tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, għas-sena finanzjarja 2024 u għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2022, permezz ta' dan huma approvati.

L-ammonti rekuperabbli minn kull Stat Membru jew pagabbli lilhom fil-qafas ta' kull programm ta' żvilupp rurali skont din id-Deċiżjoni, huma stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-ammonti li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri, minħabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2022 u għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 għall-FAEŻR, huma stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

It-tnaqqisiet għan-nuqqas ta' konformità mal-aħħar skadenzi tal-pagamenti f'konformità mal-Artikolu 75(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 taħt kull programm għall-iżvilupp rurali huma stabbiliti fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità li l-Kummissjoni jista' jkun tieħu skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 biex teskludi nefqa mill-finanzjament tal-Unjoni li ma tkunx saret b'konformità mar-regoli tal-Unjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Christophe HANSEN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Nefqa FAEŻR approvata mill-programm għall-Iżvilupp Rurali għas-sena finanzjarja 2024

Ammont li għandu jiġi rkuprat mingħand l-Istat Membru jew li jitħallas lilu għal kull programm

Programmi approvati bin-nefqa dikjarata għall-FAEŻR 2014-2020

F'euro

Stat Membru	CCI	Expenditure 2024	Korrezzjonijiet (*)	Total	Ammonti mhux riutilizzabbli	Accepted amount cleared for FY 2024	Pagamenti interim rimborżati lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja (**)	Bilanċ li għandu jiġi saldat f'għeluq il-perjodu ta' programmazzjoni minħabba li jkun intlaħaq soll ta' 95 % (***)	Ammont li għandu jiġi rkuprat (-) mill-Istat Membru jew li għandu jitħallas (+) lilu
		i	ii	iii = i + ii	iv	v = iii - iv	vi	vii	viii = v - vi - vii
AT	2014AT06RDNP001	385 717 094,18	- 925 533,74	384 791 560,44	0,00	384 791 560,44	377 901 744,19	7 805 048,13	- 915 231,88
BE	2014BE06RDRP001	64 484 765,23	0,00	64 484 765,23	0,00	64 484 765,23	64 484 760,31	0,00	4,92
BE	2014BE06RDRP002	26 049 135,48	- 296 326,69	25 752 808,79	0,00	25 752 808,79	25 755 670,37	0,00	- 2 861,58
BG	2014BG06RDNP001	306 463 437,81	- 15 476,70	306 447 961,11	0,00	306 447 961,11	306 447 959,61	0,00	1,50
CY	2014CY06RDNP001	11 534 876,35	- 3 221,06	11 531 655,29	0,00	11 531 655,29	11 292 763,57	0,00	238 891,72
CZ	2014CZ06RDNP001	103 582 421,56	494 242,95	104 076 664,51	0,00	104 076 664,51	51 970 573,41	52 106 162,31	- 71,21
DE	2014DE06RDRP003	66 573 538,54	- 961 710,21	65 611 828,33	0,00	65 611 828,33	63 179 368,04	2 434 424,09	- 1 963,80
DE	2014DE06RDRP004	164 239 573,89	- 3 661 077,06	160 578 496,83	0,00	160 578 496,83	160 574 203,54	4 293,29	0,00
DE	2014DE06RDRP007	156 038 784,26	0,00	156 038 784,26	0,00	156 038 784,26	156 038 828,07	0,00	- 43,81
DE	2014DE06RDRP010	16 146 024,47	0,00	16 146 024,47	0,00	16 146 024,47	16 178 923,26	0,00	- 32 898,79
DE	2014DE06RDRP011	105 157 959,72	0,00	105 157 959,72	0,00	105 157 959,72	105 157 959,72	0,00	0,00
DE	2014DE06RDRP012	172 412 940,50	0,00	172 412 940,50	0,00	172 412 940,50	172 412 940,50	0,00	0,00
DE	2014DE06RDRP015	81 446 949,83	- 84 904,95	81 362 044,88	0,00	81 362 044,88	81 383 880,23	0,00	- 21 835,35
DE	2014DE06RDRP017	52 502 120,88	0,00	52 502 120,88	0,00	52 502 120,88	52 333 444,40	0,00	168 676,48
DE	2014DE06RDRP018	2 801 287,83	0,00	2 801 287,83	0,00	2 801 287,83	2 801 291,19	0,00	- 3,36
DE	2014DE06RDRP019	97 648 474,83	- 3 665 288,98	93 983 185,85	0,00	93 983 185,85	93 983 182,10	0,00	3,75
DE	2014DE06RDRP020	142 000 108,42	0,00	142 000 108,42	0,00	142 000 108,42	142 000 108,42	0,00	0,00
DE	2014DE06RDRP021	49 639 337,77	0,00	49 639 337,77	0,00	49 639 337,77	49 639 344,72	0,00	- 6,95

F'euro

Stat Membru	CCI	Expenditure 2024	Korrezzjonijiet (*)	Total	Ammonti mhux riutilizzabbli	Accepted amount cleared for FY 2024	Pagamenti interim rimborżati lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja (**)	Bilanċ li għandu jiġi saldat f'għeluq il-perjodu ta' programmazzjoni minħabba li jkun intlaħaq soll ta' 95 % (***)	Ammont li għandu jiġi rkuprat (-) mill-Istat Membru jew li għandu jitħallas (+) lilu
		i	ii	iii = i + ii	iv	v = iii - iv	vi	vii	viii = v - vi - vii
DE	2014DE06RDRP023	74 101 415,28	0,00	74 101 415,28	0,00	74 101 415,28	74 103 283,04	0,00	- 1 867,76
DK	2014DK06RDNP001	122 481 196,30	- 37 907,26	122 443 289,04	0,00	122 443 289,04	122 443 289,04	0,00	0,00
EE	2014EE06RDNP001	69 443 519,50	0,00	69 443 519,50	0,00	69 443 519,50	69 419 475,58	0,00	24 043,92
ES	2014ES06RDNP001	26 286 097,25	0,00	26 286 097,25	0,00	26 286 097,25	26 292 294,65	0,00	- 6 197,40
ES	2014ES06RDRP001	225 875 127,97	0,00	225 875 127,97	0,00	225 875 127,97	226 008 945,95	0,00	- 133 817,98
ES	2014ES06RDRP002	64 659 703,04	0,00	64 659 703,04	0,00	64 659 703,04	64 659 752,31	0,00	- 49,27
ES	2014ES06RDRP003	50 526 385,53	0,00	50 526 385,53	0,00	50 526 385,53	50 549 617,19	0,00	- 23 231,66
ES	2014ES06RDRP004	3 842 502,92	- 1 853,49	3 840 649,43	0,00	3 840 649,43	3 840 649,43	0,00	0,00
ES	2014ES06RDRP005	22 913 078,49	0,00	22 913 078,49	0,00	22 913 078,49	22 935 073,84	0,00	- 21 995,35
ES	2014ES06RDRP006	6 394 945,36	0,00	6 394 945,36	0,00	6 394 945,36	6 387 826,13	0,00	7 119,23
ES	2014ES06RDRP007	151 545 662,21	360 675,05	151 906 337,26	0,00	151 906 337,26	152 047 511,45	0,00	- 141 174,19
ES	2014ES06RDRP008	113 612 124,47	0,00	113 612 124,47	0,00	113 612 124,47	113 634 119,86	0,00	- 21 995,39
ES	2014ES06RDRP009	49 782 755,35	0,00	49 782 755,35	0,00	49 782 755,35	49 845 657,43	0,00	- 62 902,08
ES	2014ES06RDRP010	120 815 338,60	0,00	120 815 338,60	0,00	120 815 338,60	120 899 956,31	0,00	- 84 617,71
ES	2014ES06RDRP011	106 738 455,16	- 337 206,80	106 401 248,36	0,00	106 401 248,36	106 401 244,71	0,00	3,65
ES	2014ES06RDRP012	10 029 487,66	812,39	10 030 300,05	0,00	10 030 300,05	10 030 299,64	0,00	0,41
ES	2014ES06RDRP013	26 253 547,78	- 0,01	26 253 547,77	0,00	26 253 547,77	26 253 546,76	0,00	1,01
ES	2014ES06RDRP014	24 609 217,14	- 20 183,05	24 589 034,09	0,00	24 589 034,09	24 589 033,62	0,00	0,47
ES	2014ES06RDRP015	7 326 909,73	0,00	7 326 909,73	0,00	7 326 909,73	7 326 910,38	0,00	- 0,65
ES	2014ES06RDRP016	8 035 044,02	0,00	8 035 044,02	0,00	8 035 044,02	8 035 042,37	0,00	1,65
ES	2014ES06RDRP017	36 627 179,53	0,00	36 627 179,53	0,00	36 627 179,53	36 681 600,46	0,00	- 54 420,93
FI	2014FI06RDRP001	58 567 581,32	0,00	58 567 581,32	0,00	58 567 581,32	16 157 575,35	42 410 799,62	- 793,65

F'euro

Stat Membru	CCI	Expenditure 2024	Korrezzjonijiet (*)	Total	Ammonti mhux riutilizzabbli	Accepted amount cleared for FY 2024	Pagamenti interim rimborżati lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja (**)	Bilanċ li għandu jiġi saldat f'għeluq il-perjodu ta' programmazzjoni minħabba li jkun intlaħaq soll ta' 95 % (***)	Ammont li għandu jiġi rkuprat (-) mill-Istat Membru jew li għandu jitħallas (+) lilu
		i	ii	iii = i + ii	iv	v = iii - iv	vi	vii	viii = v - vi - vii
FI	2014FI06RDRP002	804 168,88	0,00	804 168,88	0,00	804 168,88	804 168,88	0,00	0,00
FR	2014FR06RDNP001	31 368,35	0,00	31 368,35	0,00	31 368,35	0,00	31 368,35	0,00
FR	2014FR06RDRN001	1 367 157,09	0,00	1 367 157,09	0,00	1 367 157,09	1 367 157,10	0,00	- 0,01
FR	2014FR06RDRP001	32 256 259,43	0,00	32 256 259,43	0,00	32 256 259,43	32 256 259,42	0,00	0,01
FR	2014FR06RDRP002	14 346 561,85	- 37 944,75	14 308 617,10	0,00	14 308 617,10	14 308 617,11	0,00	- 0,01
FR	2014FR06RDRP003	21 896 073,23	0,00	21 896 073,23	0,00	21 896 073,23	21 896 073,21	0,00	0,02
FR	2014FR06RDRP004	69 581 910,47	- 1 477 586,49	68 104 323,98	0,00	68 104 323,98	68 104 323,98	0,00	0,00
FR	2014FR06RDRP006	13 778 570,61	0,00	13 778 570,61	0,00	13 778 570,61	13 778 570,60	0,00	0,01
FR	2014FR06RDRP011	10 433 534,21	0,00	10 433 534,21	0,00	10 433 534,21	10 433 534,21	0,00	0,00
FR	2014FR06RDRP021	37 444 468,98	0,00	37 444 468,98	0,00	37 444 468,98	37 444 468,97	0,00	0,01
FR	2014FR06RDRP022	25 045 270,93	0,00	25 045 270,93	0,00	25 045 270,93	25 045 270,97	0,00	- 0,04
FR	2014FR06RDRP023	15 906 575,74	0,00	15 906 575,74	0,00	15 906 575,74	15 906 575,75	0,00	- 0,01
FR	2014FR06RDRP024	42 406 052,00	0,00	42 406 052,00	0,00	42 406 052,00	42 406 052,02	0,00	- 0,02
FR	2014FR06RDRP025	51 738 052,80	0,00	51 738 052,80	0,00	51 738 052,80	51 738 052,80	0,00	0,00
FR	2014FR06RDRP026	51 657 547,70	0,00	51 657 547,70	0,00	51 657 547,70	51 657 547,71	0,00	- 0,01
FR	2014FR06RDRP031	21 858 414,42	0,00	21 858 414,42	0,00	21 858 414,42	21 858 414,45	0,00	- 0,03
FR	2014FR06RDRP041	46 763 676,53	0,00	46 763 676,53	0,00	46 763 676,53	46 763 676,52	0,00	0,01
FR	2014FR06RDRP042	20 098 137,00	0,00	20 098 137,00	0,00	20 098 137,00	20 098 137,00	0,00	0,00
FR	2014FR06RDRP043	40 051 048,77	0,00	40 051 048,77	0,00	40 051 048,77	40 051 048,78	0,00	- 0,01
FR	2014FR06RDRP052	65 231 877,96	0,00	65 231 877,96	0,00	65 231 877,96	65 231 877,96	0,00	0,00
FR	2014FR06RDRP053	54 459 195,16	- 109 087,00	54 350 108,16	0,00	54 350 108,16	54 350 108,15	0,00	0,01
FR	2014FR06RDRP054	36 890 541,71	0,00	36 890 541,71	0,00	36 890 541,71	36 890 541,77	0,00	- 0,06

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/971/oj

F'euro

Stat Membru	CCI	Expenditure 2024	Korrezzjonijiet (*)	Total	Ammonti mhux riutilizzab-bli	Accepted amount cleared for FY 2024	Pagamenti interim rimborżati lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja (**)	Bilanċ li għandu jiġi saldat f'għeluq il-perjodu ta' programmaz-zjoni minħabba li jkun intlaħaq soll ta' 95 % (***)	Ammont li għandu jiġi rkuprat (-) mill-Istat Membru jew li għandu jitħallas (+) lilu
		i	ii	iii = i + ii	iv	v = iii - iv	vi	vii	viii = v - vi - vii
FR	2014FR06RDRP072	62 495 695,42	0,00	62 495 695,42	0,00	62 495 695,42	62 495 695,41	0,00	0,01
FR	2014FR06RDRP073	92 161 380,84	1 151 154,04	93 312 534,88	0,00	93 312 534,88	93 312 534,89	0,00	- 0,01
FR	2014FR06RDRP074	34 246 497,12	0,00	34 246 497,12	0,00	34 246 497,12	32 456 932,82	1 789 564,28	0,02
FR	2014FR06RDRP082	68 841 421,40	2 997 486,22	71 838 907,62	0,00	71 838 907,62	67 356 927,57	4 481 980,05	0,00
FR	2014FR06RDRP083	63 434 608,44	3 239 497,71	66 674 106,15	0,00	66 674 106,15	57 767 202,75	8 906 903,37	0,03
FR	2014FR06RDRP091	67 058 094,83	0,00	67 058 094,83	0,00	67 058 094,83	67 184 094,85	0,00	- 126 000,02
FR	2014FR06RDRP093	29 397 046,89	1 339 138,48	30 736 185,37	0,00	30 736 185,37	30 736 185,33	0,00	0,04
FR	2014FR06RDRP094	10 227 258,02	0,00	10 227 258,02	0,00	10 227 258,02	10 227 258,96	0,00	- 0,94
EL	2014GR06RDNP001	504 678 350,36	32 642 119,30	537 320 469,66	0,00	537 320 469,66	537 320 469,58	0,00	0,08
HR	2014HR06RDNP001	141 875 684,81	39 618 406,16	181 494 090,97	0,00	181 494 090,97	181 518 788,68	0,00	- 24 697,71
HU	2014HU06RDNP001	393 670 715,33	- 27 290 613,98	366 380 101,35	0,00	366 380 101,35	361 945 324,20	4 434 779,09	- 1,94
IE	2014IE06RDNP001	111 555 724,23	0,00	111 555 724,23	0,00	111 555 724,23	61 689 186,13	49 866 538,10	0,00
IT	2014IT06RDNP001	55 011 176,63	0,00	55 011 176,63	0,00	55 011 176,63	55 023 137,68	0,00	- 11 961,05
IT	2014IT06RDRN001	8 508 782,33	0,00	8 508 782,33	0,00	8 508 782,33	8 508 782,33	0,00	0,00
IT	2014IT06RDRP001	40 641 826,72	0,00	40 641 826,72	0,00	40 641 826,72	40 688 057,46	0,00	- 46 230,74
IT	2014IT06RDRP002	11 570 453,72	0,00	11 570 453,72	0,00	11 570 453,72	11 570 453,93	0,00	- 0,21
IT	2014IT06RDRP003	67 973 466,78	0,00	67 973 466,78	0,00	67 973 466,78	67 973 467,98	0,00	- 1,20
IT	2014IT06RDRP004	20 135 811,06	0,00	20 135 811,06	0,00	20 135 811,06	19 128 071,01	0,00	1 007 740,05
IT	2014IT06RDRP005	55 755 877,28	0,00	55 755 877,28	0,00	55 755 877,28	55 895 828,98	0,00	- 139 951,70
IT	2014IT06RDRP006	19 432 339,00	- 1 561,91	19 430 777,09	0,00	19 430 777,09	19 565 613,27	0,00	- 134 836,18
IT	2014IT06RDRP007	88 032 338,34	0,00	88 032 338,34	0,00	88 032 338,34	88 032 338,34	0,00	0,00
IT	2014IT06RDRP008	54 254 167,33	0,00	54 254 167,33	0,00	54 254 167,33	54 256 561,12	0,00	- 2 393,79

F'euro

Stat Membru	CCI	Expenditure 2024	Korrezzjonijiet (*)	Total	Ammonti mhux riutilizzabbli	Accepted amount cleared for FY 2024	Pagamenti interim rimborżati lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja (**)	Bilanċ li għandu jiġi saldat f'għeluq il-perjodu ta' programmazzjoni minħabba li jkun intlaħaq soll ta' 95 % (***)	Ammont li għandu jiġi rkuprat (-) mill-Istat Membru jew li għandu jitħallas (+) lilu
		i	ii	iii = i + ii	iv	v = iii - iv	vi	vii	viii = v - vi - vii
IT	2014IT06RDRP009	77 460 532,17	0,00	77 460 532,17	0,00	77 460 532,17	77 460 533,26	0,00	- 1,09
IT	2014IT06RDRP010	60 808 350,80	0,00	60 808 350,80	0,00	60 808 350,80	60 806 790,68	0,00	1 560,12
IT	2014IT06RDRP011	16 553 188,39	0,00	16 553 188,39	0,00	16 553 188,39	16 553 188,79	0,00	- 0,40
IT	2014IT06RDRP012	54 704 018,50	0,00	54 704 018,50	0,00	54 704 018,50	55 460 455,47	0,00	- 756 436,97
IT	2014IT06RDRP013	5 438 935,88	0,00	5 438 935,88	0,00	5 438 935,88	5 468 051,30	0,00	- 29 115,42
IT	2014IT06RDRP014	66 552 848,69	- 0,03	66 552 848,66	0,00	66 552 848,66	66 596 045,23	0,00	- 43 196,57
IT	2014IT06RDRP015	3 436 743,10	0,00	3 436 743,10	0,00	3 436 743,10	3 046 743,05	0,00	390 000,05
IT	2014IT06RDRP016	44 760 926,72	1 414 363,61	46 175 290,33	0,00	46 175 290,33	46 175 402,93	0,00	- 112,60
IT	2014IT06RDRP017	57 657 643,81	- 1 749,76	57 655 894,05	0,00	57 655 894,05	57 769 076,38	0,00	- 113 182,33
IT	2014IT06RDRP018	36 903 344,53	0,00	36 903 344,53	0,00	36 903 344,53	37 016 394,90	0,00	- 113 050,37
IT	2014IT06RDRP019	117 465 033,59	- 36 290,73	117 428 742,86	0,00	117 428 742,86	118 059 428,88	0,00	- 630 686,02
IT	2014IT06RDRP020	127 544 950,82	- 15 684,43	127 529 266,39	0,00	127 529 266,39	127 757 380,43	0,00	- 228 114,04
IT	2014IT06RDRP021	203 563 284,95	0,00	203 563 284,95	0,00	203 563 284,95	204 455 354,86	0,00	- 892 069,91
LT	2014LT06RDNP001	207 057 881,77	0,00	207 057 881,77	0,00	207 057 881,77	207 057 950,19	0,00	- 68,42
LU	2014LU06RDNP001	887 292,35	14 280,52	901 572,87	0,00	901 572,87	12 047,19	889 525,68	0,00
LV	2014LV06RDNP001	79 846 517,64	0,00	79 846 517,64	0,00	79 846 517,64	79 846 517,64	0,00	0,00
MT	2014MT06RDNP001	22 868 822,08	- 183 809,60	22 685 012,48	0,00	22 685 012,48	22 816 384,85	0,00	- 131 372,37
NL	2014NL06RDNP001	86 732 798,53	0,00	86 732 798,53	0,00	86 732 798,53	86 873 897,23	0,00	- 141 098,70
PL	2014PL06RDNP001	1 160 085 806,40	23 604,41	1 160 109 410,81	0,00	1 160 109 410,81	1 160 113 045,14	0,00	- 3 634,33
PT	2014PT06RDRP001	25 824 941,97	0,00	25 824 941,97	0,00	25 824 941,97	25 817 715,06	0,00	7 226,91
PT	2014PT06RDRP002	449 014 995,35	- 17 105 659,93	431 909 335,42	0,00	431 909 335,42	431 571 431,40	3 077 609,37	- 2 739 705,35
PT	2014PT06RDRP003	16 216 623,03	0,00	16 216 623,03	0,00	16 216 623,03	16 269 932,68	0,00	- 53 309,65

F'euro

Stat Membru	CCI	Expenditure 2024	Korrezzjonijiet (*)	Total	Ammonti mhux riutilizzab-bli	Accepted amount cleared for FY 2024	Pagamenti interim rimborżati lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja (**)	Bilanċ li għandu jiġi saldat f'għeluq il-perjodu ta' programmaz-zjoni minħabba li jkun intlaħaq soll ta' 95 % (***)	Ammont li għandu jiġi rkuprat (-) mill-Istat Membru jew li għandu jitħallas (+) lilu
		i	ii	iii = i + ii	iv	v = iii - iv	vi	vii	viii = v - vi - vii
RO	2014RO06RDNP001	822 692 339,95	- 490 411,24	822 201 928,71	0,00	822 201 928,71	822 255 167,94	0,00	- 53 239,23
SE	2014SE06RDNP001	75 509 293,38	0,00	75 509 293,38	0,00	75 509 293,38	75 548 896,17	0,00	- 39 602,79
SI	2014SI06RDNP001	107 098 898,36	0,00	107 098 898,36	0,00	107 098 898,36	107 173 576,18	0,00	- 74 677,82
SK	2014SK06RDNP001	92 169 711,64	14 585 954,70	106 755 666,34	0,00	106 755 666,34	106 755 925,70	0,00	- 259,36

(*) Nefqa ddikjarata fid-Dikjarazzjonijiet Annwali għal ċerti programmi tiskatta superamenti jew tnaħħija tal-limiti fil-livell tal-miżura. L-iffissar jew tnaħħija ta' limiti massimu għal dawn is-superamenti se jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni tad-dikjarazzjonijiet trimestrali futuri.

(**) Pagamenti interim rimborżati lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja inkluż l-ikklerjar tal-prefinanzjament, jinkludu ammonti negattivi dikjarati fis-sena finanzjarja 2024. Dawn l-ammonti negattivi tpaċew jew se jitpaċu kontra l-pagamenti trimestrali lill-Istati Membri konċernati.

(***) Jekk il-pagamenti jkunu laħqu 95 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għal Programm tal-Iżvilupp Rurali f'konformità mal-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-bilanċ jiġi saldat waqt l-għeluq tal-programm.

ANNESS II

Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Aġenziji tal-Pagamenti

Sena finanzjarja 2024 - FAEŻR

		Korrezzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) 1306/2013			
		Korrezzjonijiet marbutin mal-Perjodu ta' Programmazzjoni 2014-2020		Korrezzjonijiet marbutin mal-Perjodu ta' Programmazzjoni 2007-2013	
Stat Membru	Munita	Fil-munita nazzjonali	F'euro	Fil-munita nazzjonali	F'euro
AT	EUR	0,00	0,00	0,00	48 809,50
BE	EUR	0,00	6 476,63	0,00	262,41
BG	BGN	271 870,41	0,00	7 760 293,71	0,00
CY	EUR	0,00	0,00	0,00	23 051,47
CZ	CZK	55 359,09	0,00	5 858 080,30	0,00
DE	EUR	0,00	42 409,04	0,00	399 728,51
DK	DKK	56 468,14	0,00	20 738,74	0,00
EE	EUR	0,00	935 525,85	0,00	158 200,00
ES	EUR	0,00	424 364,90	0,00	83 364,70
FI	EUR	0,00	30 232,93	0,00	104 371,25
FR	EUR	0,00	52 670,76	0,00	147 923,75
EL	EUR	0,00	53 156,57	0,00	1 093 549,19
HR	EUR	0,00	52 256,11	0,00	0,00
HU	HUF	15 436 304,00	0,00	136 989 605,00	0,00
IE	EUR	0,00	23 592,69	0,00	95 468,23
IT	EUR	0,00	134 014,22	0,00	1 751 002,33
LT	EUR	0,00	0,00	0,00	1 388 515,94
LU	EUR	0,00	0,00	0,00	0,00
LV	EUR	0,00	49 231,65	0,00	85 577,31
MT	EUR	0,00	0,00	0,00	0,00
NL	EUR	0,00	0,00	0,00	0,00
PL	PLN	895 960,15	0,00	4 712 892,02	0,00
PT	EUR	0,00	615 371,09	0,00	3 226 604,41

		Korrezzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) 1306/2013			
		Korrezzjonijiet marbutin mal-Perjodu ta' Programmazzjoni 2014-2020		Korrezzjonijiet marbutin mal-Perjodu ta' Programmazzjoni 2007-2013	
Stat Membru	Munita	Fil-munita nazzjonali	F'euro	Fil-munita nazzjonali	F'euro
RO	RON	11,65	0,00	35 096 469,70	0,00
SE	SEK	36 402,78	0,00	6 357,88	0,00
SI	EUR	0,00	505,21	0,00	31 698,12
SK	EUR	0,00	112,43	0,00	437 933,57

ANNESS III

Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Aġenziji tal-Pagamenti

Sena finanzjarja 2024 - FAEŻR

Tnaqqisiet minħabba skadenzi tal-pagamenti kull programm tal-Iżvilupp Rurali għas-sena finanzjarja 2024 f'konformità mal-Artikolu 75(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013

F'euro

Stat Membru	CCI	Tnaqqisiet għan-nuqqas ta' konformità mal-aħħar skadenzi tal-pagamenti għas-SF2024
AT	2014AT06RDNP001	0,00
BE	2014BE06RDRP001	0,00
BE	2014BE06RDRP002	0,00
BG	2014BG06RDNP001	201 578,10
CY	2014CY06RDNP001	0,00
CZ	2014CZ06RDNP001	0,00
DE	2014DE06RDRP003	0,00
DE	2014DE06RDRP004	0,00
DE	2014DE06RDRP007	0,00
DE	2014DE06RDRP010	0,00
DE	2014DE06RDRP011	0,00
DE	2014DE06RDRP012	0,00
DE	2014DE06RDRP015	0,00
DE	2014DE06RDRP017	0,00
DE	2014DE06RDRP018	1 173,50
DE	2014DE06RDRP019	0,00
DE	2014DE06RDRP020	0,00
DE	2014DE06RDRP021	0,00
DE	2014DE06RDRP023	0,00
DK	2014DK06RDNP001	465 198,34
EE	2014EE06RDNP001	0,00
ES	2014ES06RDNP001	0,00
ES	2014ES06RDRP001	517 241,22
ES	2014ES06RDRP002	0,00
ES	2014ES06RDRP003	0,00
ES	2014ES06RDRP004	25 760,44
ES	2014ES06RDRP005	0,00
ES	2014ES06RDRP006	0,00
ES	2014ES06RDRP007	513 247,62
ES	2014ES06RDRP008	66 442,55
ES	2014ES06RDRP009	0,00
ES	2014ES06RDRP010	34 497,99
ES	2014ES06RDRP011	0,00
ES	2014ES06RDRP012	0,00
ES	2014ES06RDRP013	148 642,23

F'euro

Stat Membru	CCI	Tnaqqisiet għan-nuqqas ta' konformità mal-aħħar skadenzi tal-pagamenti għas-SF2024
ES	2014ES06RDRP014	0,00
ES	2014ES06RDRP015	0,00
ES	2014ES06RDRP016	0,00
ES	2014ES06RDRP017	7 703,37
FI	2014FI06RDRP001	0,00
FI	2014FI06RDRP002	0,00
FR	2014FR06RDNP001	0,00
FR	2014FR06RDRN001	0,00
FR	2014FR06RDRP001	712 163,61
FR	2014FR06RDRP002	417 256,40
FR	2014FR06RDRP003	206 495,56
FR	2014FR06RDRP004	0,00
FR	2014FR06RDRP006	0,00
FR	2014FR06RDRP011	2 465,84
FR	2014FR06RDRP021	191 767,45
FR	2014FR06RDRP022	336 462,64
FR	2014FR06RDRP023	50 514,08
FR	2014FR06RDRP024	694 761,78
FR	2014FR06RDRP025	82 024,75
FR	2014FR06RDRP026	37 219,78
FR	2014FR06RDRP031	43 904,57
FR	2014FR06RDRP041	270 999,35
FR	2014FR06RDRP042	110 378,36
FR	2014FR06RDRP043	101 833,63
FR	2014FR06RDRP052	1 245 344,80
FR	2014FR06RDRP053	152 198,84
FR	2014FR06RDRP054	489 604,48
FR	2014FR06RDRP072	804 182,28
FR	2014FR06RDRP073	179 824,05
FR	2014FR06RDRP074	125 344,00
FR	2014FR06RDRP082	287 834,11
FR	2014FR06RDRP083	35 659,91
FR	2014FR06RDRP091	810 921,80
FR	2014FR06RDRP093	70 472,31
FR	2014FR06RDRP094	646 495,44
EL	2014GR06RDNP001	20 090 022,97
HR	2014HR06RDNP001	1 181 740,90
HU	2014HU06RDNP001	1 418 800,85
IE	2014IE06RDNP001	0,00
IT	2014IT06RDNP001	0,00
IT	2014IT06RDRN001	0,00

F'euro

Stat Membru	CCI	Tnaqqisiet għan-nuqqas ta' konformità mal-aħħar skadenzi tal-pagamenti għas-SF2024
IT	2014IT06RDRP001	1 277,21
IT	2014IT06RDRP002	0,00
IT	2014IT06RDRP003	0,00
IT	2014IT06RDRP004	0,00
IT	2014IT06RDRP005	0,00
IT	2014IT06RDRP006	0,00
IT	2014IT06RDRP007	0,00
IT	2014IT06RDRP008	0,00
IT	2014IT06RDRP009	0,00
IT	2014IT06RDRP010	8 134,77
IT	2014IT06RDRP011	0,00
IT	2014IT06RDRP012	0,00
IT	2014IT06RDRP013	492,90
IT	2014IT06RDRP014	853,88
IT	2014IT06RDRP015	6 980,14
IT	2014IT06RDRP016	3 327 417,22
IT	2014IT06RDRP017	0,00
IT	2014IT06RDRP018	122,02
IT	2014IT06RDRP019	3 385,07
IT	2014IT06RDRP020	94 640,03
IT	2014IT06RDRP021	0,00
LT	2014LT06RDNP001	0,00
LU	2014LU06RDNP001	568,52
LV	2014LV06RDNP001	25 144,05
MT	2014MT06RDNP001	38 921,70
NL	2014NL06RDNP001	0,00
PL	2014PL06RDNP001	0,00
PT	2014PT06RDRP001	0,00
PT	2014PT06RDRP002	0,00
PT	2014PT06RDRP003	0,00
RO	2014RO06RDNP001	4 942 083,46
SE	2014SE06RDNP001	0,00
SI	2014SI06RDNP001	0,00
SK	2014SK06RDNP001	2 000 346,66